MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tad-19 ta' April, 2013

Avviz Numru. 13/2013

**Alfsons enterprises Limited
(C 20428)**

**vs**

**Donald Vella u Fabiana Vella**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-15 ta’ Jannar 2013 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuha s-somma ta’ erbat elef, hames mija u erbgha u tletin Ewro, disgha u tmenin centezmu (€4,534.89) rapprezentanti prezz bilancjali ta’ merkanizja mibjugha u moghtija lilha fuq struzzjonijiet taghhom stess.

Bl-ispejjez tal-proceduri presenti kif ukoll tal-ittra interpellatorja tat 8 ta’ Gunju 2012 u bl-imghax mit-22 ta’ Lulju 2011 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-konvenuti fl 24 ta’ Jannar 2013, fol 5 tal-process.

Illi fis-seduta tal-15 ta’ Frar, 2013 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti (fol 6).

Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ Frar, 2013 il-konevnuti Donalnd Vella u Fabiana Vella dehru il-Qorti u infurmaw lill-Qorti li xtaqu jikkontetaw il-kawza u l-qorti akkordatilhom gimgha zmien biex jaghmlu l-eccezzjonijiet.

Rat illi fil 15 ta’ April 2013, il-konvenuti la dehru u wisq anqas ma ippresentaw eccezzjonijiet kif lilhom koncess minn dina l-Qorti.

Rat illi fis-seduta tal 15 ta’ April 2013, is-socjeta attrici ikkonfermat illi l-bilanc ghadu dovut filwat illi l-Qorti iddikjarat il-provi tal-konvenuti bhala maghluqa filwaqt illi ddiferit il-kawza ghas-sentenza ghad 19 ta’ April 2013.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef, hames mija u erbgha u tletin**

**Ewro, disgha u tmenin centezmu (€4,534.89) rapprezentanti prezz bilancjali ta' merkanizja mibjugha u moghtija lilha fuq struzzjonijiet taghhom stess.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti kif mitluba w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi mill-presentata ta' dana l-avviz.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------